**A.L. 273 ta' l-2010**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

### Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Eżerċizzju ta' Professjonijiet Konkorrenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Eżerċizzju ta' Professjonijiet Konkorrenti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Eżerċizzju ta' Professjonijiet Konkorrenti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Titolu.

A.L. 105 ta' l-2006.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok is-subregolament (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull professjonist fil-kura medika jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu konkorrentement ma' professjoni tal-kura medika oħra."; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem minn "Fil-każ ta' professjonist" sal-kliem "din il-proċedura li ġejja:" għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fil-każ ta' professjonisti fil-kura medika li jitolbu li jiġu reġistrati f'aktar minn reġistru wieħed, għandha tiġi segwita din il-proċedura li ġejja:".